MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 120/2023 LM

**Anthony sive Tonio Camilleri f'ismu**
**u għan-nom ta' C. Camilleri & Sons Limited (C 5572)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet u**
**Maria Christina Peresso f'isimha proprju u għan-nom**
**ta' Eurosport Limited għal kull interess li jista' jkollhom**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Anthony sive Tonio Camilleri f'ismu proprju u għan-nom ta' C. Camilleri & Sons Limited (C5572)** [minn issa 'l

quddiem 'l-appellant pro et noe'], mis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Marzu, 2024 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda t-talbiet tagħhom fil-konfront tal-intimati **Awtorità tal-Artijiet** u **Maria Christina Peresso f'isimha proprju u għan-nom ta' Eurosport Limited għal kull interess li jista' jkollhom** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellata' u 'l-appellata *pro et noe*' rispettivament'], fejn it-Tribunal iddeċieda illi:

> "*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, u in kwantu konsistenti ma' dak li ntqal hawn, qiegħed jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata u l-ħames eċċezzjoni tal-intimata pro et noe fis-sens illi jiddikjara illi r-rikorrent pro et noe ma jikkwalifikax bħala* "persuna aggravata" *ai termini tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma setax jintavola l-azzjoni odjerna quddiemu.*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent pro et noe."*

## <u>Fatti</u>

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent *pro et noe* spjega li l-Awtorità intimata tat il-kunsens tagħha lil Eurosport Limited sabiex tkun tista' tressaq applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fl-istess parti ta' Triq il-Merkanti, Valletta fejn ir-rikorrenti għandu applikazzjoni kemm mal-istess Awtorità tal-Ippjanar li għadha pendenti, u applikazzjoni oħra mal-Awtorità tal-Artijiet li ġiet irtirata inġustament. Spjega li l-*encroachment* favur Eurosport Limited inħareġ fit-2 ta' Novembru, 2023, u huwa qiegħed joġġezzjona għal dan il-permess għaliex dan

ħareġ fuq l-istess parti tal-imsemmija triq li dwarha kien applika qabel ir-rikorrent *pro et noe*, u liema spazju jinsab quddiem l-istabbiliment tar-rikorrent *pro et noe*. Ir-rikorrent *pro et noe* qal li f'Awwissu 2021, huwa kien applika mal-Awtorità intimata għal kunsens tagħha sabiex huwa jkun jista' jressaq talba sabiex jingħata permess għall-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar, *ai termini* tal-artikolu 71(4) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex ir-rikorrent *pro et noe* ikun jista' jpoġġi imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment tiegħu ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta, bin-numri 49, 50 u 51. Qal li l-applikazzjoni tiegħu kienet tinvolvi żewġ spazji, u l-Awtorità tal-Artijiet, permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju, 2022 tat il-kunsens tagħha għal spazju wieħed, u indikat li fuq l-ispazju l-ieħor diġà kien hemm applikazzjoni minn terza persuna, u għalhekk ma setax jingħata permess ieħor. Qal ukoll li rriżulta li din it-terza persuna hija Danel Co. Ltd., iżda nofs dan l-ispazju qiegħed jiġi użat minn Eurosport Limited, li hija l-kumpannija li ħadet l-ispazju li kien applika għalih ir-rikorrent *pro et noe*. Kompla jgħid li huwa dejjem wieġeb għal dak kollu li kienu jeħtieġu l-awtoritajiet, dejjem ħallas dak li ntalab iħallas u għal dak kollu li kien dovut ma' kull applikazzjoni mressqa minnu. Ir-rikorrent spjega wkoll li l-applikazzjoni qatt ma twaqqfet minnu jew mill-Awtorità intimata, u għalhekk l-ittra tas-16 ta' Mejju, 2022 baqgħet applikabbli, sakemm ġiet formalment irtirata, u fil-fatt l-applikazzjoni tiegħu mal-Awtorità tal-Ippjanar għadha pendenti. Ir-rikorrent *pro et noe* qal li l-Awtorità tal-Artijiet indikatlu permezz ta' *email* tat-23 ta' Frar, 2023, li kienet ser tirtira l-kunsens tagħha jekk fi żmien xahar ma kienx ser jingħata l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, iżda għal xi raġuni l-Awtorità tal-Ippjanar baqgħet ma ħarġitx il-permess meħtieġ, minkejja li kien hemm il-kunsens tal-Awtorità tal-

Artijiet. Qal li fl-istess waqt huwa għamel applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f'parti minn Triq il-Merkanti, u peress li l-perit li ssottometta l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrent, kien ġie appuntat bħala membru fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar, l-applikazzjoni pendenti tkompliet minn perit ieħor. Qal li mal-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar huwa ppreżenta wkoll l-ittra tal-Awtorità tal-Artijiet tas-16 ta' Mejju, 2022, li kienet għadha valida u viġenti. Qal ukoll li b'mod inspjegabbli, l-Awtorità tal-Ippjanar ma qisitx din l-ittra, minkejja li kienet għadha valida. Qal li minħabba f'dan kollu, il-proċess għall-ħruġ ta' permess ta' *encroachment* min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar ġie stultifikat, u l-Awtorità tal-Artijiet ħarġet ittra oħra ta' kunsens favur Eurosport Limited fuq l-istess porzjon art. Qal li sar sforz biex din l-applikazzjoni tiġi pproċessata minflok tiegħu. Ir-rikorrent *pro et noe* qal li permezz ta' nota ppreżentata fl-24 ta' Ottubru, 2024 fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni, u bil-ħruġ ta' *encroachment* favur Eurosport Limited, irriżultalu li l-Awtorità tal-Artijiet, fuq il-parti tat-triq li kienet indikata għalihom, kienet ħarġet ittra ta' kunsens lill-Eurosport Limited. Qal li jidher li l-Awtorità tal-Ippjanar riedet ittra ta' kunsens aktar riċenti, iżda din it-tieni ittra ma kellhiex tiġi kkunsidrata mill-Awtorità tal-Ippjanar, għaliex sa dakinhar kienet għadha viġenti u kellha titqies valida l-ittra ta' kunsens ippreżentata mir-rikorrent *pro et noe*, jiġifieri l-ittra bil-kunsens maħruġ mill-Awtorità tal-Artijiet oriġinarjament. Ir-rikorrent *pro et noe* spjega wkoll li l-ittra ta' kunsens maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ma kellha l-ebda indikazzjoni li din kienet tiskadi, u għalhekk l-esklużjoni tar-rikorrenti *pro et noe* biex tiġi favorita Eurosport Limited tammonta għal tħaddim ħażin tad-diskrezzjoni amministrattiva. Qal ukoll li dan

kollu ħoloqlu preġudizzju serju. Ir-rikorrent *pro et noe* spjega li huwa inspjegabbli kif lil Eurosport Limited, l-Awtorità tal-Artijiet baqgħet ma qaltilhiex dwar il-fatt li kien hemm l-applikazzjoni ta’ terzi fuq it-tieni spazju li oriġinarjament kien wera interess fih ir-rikorrent *pro et noe*. Qal ukoll li huwa ntalab jippreżenta n-*no objection* ta’ stabbilimenti oħra li kienu fuq in-naħa l-oħra tat-triq, imma jidher li meta applikat is-soċjetà intimata, ħadd ma talabha tikseb in-*no objection* tar-rikorrent *pro et noe*. Ir-rikorrent *pro et noe* qal li għalhekk it-talba min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar għal ittra ta’ approvazzjoni aktar riċenti hija inspjegabbli u mhux neċessarja, ladarba l-ewwel ittra qatt ma ġiet irtirata u ma kinitx imbiegħda fiż-żmien, u fuq kollox ma kellhiex data ta’ skadenza. Qal li l-applikazzjoni ta’ Eurosport Limited ġiet ippreżentata wara tiegħu, fit-12 t’April, 2023, jiġifieri kważi xahrejn wara tiegħu. Ir-rikorrent *pro et noe* spjega li l-applikazzjoni tiegħu daħlet fid-19 ta’ Frar, 2023, u qabel dik l-applikazzjoni kellu oħra, iżda sussegwentement kellu jibdel lill-perit. Qal li ebda applikazzjoni ta’ terz m’għandha tiġi kkunsidrata qabel tiegħu, ladarba huwa kien issottometta ittra tal-Awtorità tal-Artijiet kif kien mitlub li jagħmel, u ladarba huwa kien applika qabel ħaddieħor, u l-ittra li ngħata ma kellha l-ebda data ta’ skadenaza. Qal li dan l-atteġġjament min-naħa tal-Awtrorità tal-Artijiet u tal-Awtorità tal-Ippjanar huwa wieħed stramb u kkawżalu ħsara, hekk kif l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx ipproċessata sat-tmiem. Ir-rikorrent *pro et noe* spjega li kwalsiasi applikazzjoni tiegħu mal-Awtorità tal-Artijiet u mal-Awtorità tal-Ippjanar, saru qabel kwalunkwe applikazzjoni li saret minn Eurosport Limited, u għalhekk l-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità tal-Ippjanar ma kellhomx jiddeċiedu jew joħorġu permessi oħra lil terzi qabel jiċħdu l-applikazzjoni tiegħu,

jekk kellhom raġuni valida sabiex jagħmlu dan. Ir-rikorrent *pro et noe* qal li l-awtoritajiet konċernati diġà tpoġġew in dolo, mora u colpa għall-effetti kollha tal-liġi, u ntalbu jkomplu jipproċessaw l-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li jieqfu jkomplu jipproċessaw kull applikazzjoni oħra fuq l-istess parti tat-triq, li daħlet wara l-applikazzjoni tiegħu. Qal li dwar dan kollu huwa ppreżenta wkoll ilment lill-*Ombudsman*, għaliex fil-fehma tiegħu l-aġir tal-intimati jmur kontra l-preċetti ta' amministrazzjoni tajba. Ir-rikorrent *pro et noe* qal ukoll li huwa ttenta jagħmel mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati jew min minnhom, sabiex iwaqqafhom milli jkomplu jipproċessaw ulterjorment applikazzjonijiet, u/jew jindikaw in-nuqqas ta' oġġezzjoni u/jew joħorġu permessi relatati ma' talbiet għal *encroachment,* u/jew għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Merkanti, Valletta, quddiem il-ħanut 49, 50 u 51, fejn ir-rikorrent għad għandu applikazzjonijiet pendenti, u dan sakemm l-applikazzjonijiet tar-rikorrent *pro et noe* ma jiġux formalment rifjutati jew milqugħa. Qal li din iċ-ċaħda hija għal kollox inġusta, u huwa evidenti li l-Awtorità intimata naqset milli tħares il-kunċett ta' ekwità meta eskludiet lir-rikorrenti *pro et noe,* u ma komplietx tipproċessa l-applikazzjoni tiegħu. Ir-rikorrent spjega li l-ispazju quddiem il-ħwienet tiegħu ingħata lil Eurosport Limited u lil Danel Company Limited, meta wieħed m'għandu l-ebda ħanut fiż-żona indikata, u l-ispazju mogħti lilu mhux jiġi utilizzat minnu, filwaqt li l-ieħor applika għall-permess wara li kienet daħlet l-applikazzjoni tar-rikorrent *pro et noe*. Qal li għalhekk l-ebda wieħed mit-terzi ma messu jikkwalifika daqsu kemm għandu jikkwalifika hu għall-anqas għal waħda miż-żoni indikati. Ir-rikorrent għalhekk talab lit-Tribunal jogħġbu jordna lill-Awtorità intimata tirtira kull permess jew *no objection in principle* jew kull

kunsens ieħor li seta’ nħareġ lil terzi għal permess ta’ *encroachment* u għat-tqegħid ta’ mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħwienet 49, 50 u 51, Triq il-Merkanti, Valletta jew spazji verjuri, u jordna li kull permess jew *no objection in principle* jew kull kunsens ieħor li seta’ ngħata lil terzi fuq dan il-lok, jiġi fi tmiemu, u partikolarment jiddikjara null u bla effett il-permess ta’ *encroachment* maħruġ favur Maria Christina Peresso jew Eurosport Limited fit-2 ta’ Novembru, 2023.

3. L-Awtorità intimata, fir-risposta tagħha wieġbet li preliminarjament l-appell tar-rikorrent *pro et noe* huwa irritu u null, għaliex dan mhuwiex appell minn deċiżjoni jew minn att amministrattiv fil-konfront tiegħu. Qalet li d-deċiżjoni tal-*encroachment* tat-2 ta’ Novembru (GLA12/2022/1165), ingħatat fil-konfront ta’ Maria Christine Peresso u mhux fil-konfront tar-rikorrent. L-Awtorità intimata għamlet riferiment għall-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jispeċifika liema huma l-oġġezzjonijiet li għandu kompetenza jisma’ t-Tribunal, kif ukoll għall-Kap. 490 tal-Liġijiet ta’ Malta, u qalet li hija ma wettqet l-ebda att amministrattiv fil-konfront tar-rikorrent, imma kull att amministrattiv li sar, sar fil-konfront tal-intimata Peresso. Qalet li preliminarjament ukoll, hija mhijiex leġittima kontradittriċi, għaliex id-deċiżjonijiet jew l-atti amministrattivi li ppreġudikaw lir-rikorrent saru mill-Awtorità tal-Ippjanar, u mhux minnha. Qalet ukoll li r-rikorrent *pro et noe* indika b’mod ċar li kull dannu li seta’ ssubixxa, seħħ konsegwenza ta’ allegat aġir żbaljat min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar. L-Awtorità intimata qalet li t-talba tar-rikorrent *pro et noe* għandha tiġi miċħuda għaliex l-aġir tagħha għandu jitqies li huwa ġust kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza, u d-deċiżjoni tagħha ttieħdet wara li kkunsidrat numru ta’ fatturi rilevanti. L-Awtorità intimata qalet li hija kienet fil-limiti tal-eżerċizzju tad-

diskrezzjoni tagħha meta tat permess ta' *encroachment* lil terz, u dan hekk kif anki fl-ittra ta' kunsens li ngħata r-rikorrent hemm indikat li "*[t]he applicant shall be obliged to inform the Lands Authority of any eventual development of the granting of permission being granted by the Planning Authority, failing of which, the process of the issuance of the encroachment shall be discontinued.*" L-Awtorità intimata qalet li hija ma kellha l-ebda obbligu tinforma lir-rikorrent b'xi applikazzjoni oħra fuq l-istess sit, ladarba l-applikazzjoni tiegħu ma kinitx għadha attiva.

4. L-intimata Peresso *pro et noe* wieġbet li preliminarjament it-Tribunal kellu jikkunsidra li r-rikors ippreżentat mir-rikorrent *pro et noe* huwa null stante li ma jimxix mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva [Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta], u dan għaliex fil-fehma tagħha l-imsemmi rikors huwa nieqes minn dikjarazzjoni ċara u korretta tas-suġġett u r-raġuni għat-talba, minn talba jew talbiet, u minn isem ix-xhieda li r-rikorrent kien fi ħsiebu jħarrek, inkluż it-taħrik tal-kontro-parti bid-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull xhud, tal-prova li r-rikorrent ikun fi ħsiebu jagħmel permezz tiegħu. L-intimata *pro et noe* qalet ukoll li fuq bażi preliminari wkoll, ir-rikorrenti *pro et noe* m'għandux l-interess ġuridiku rikjest sabiex jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li permezz tagħha ngħatat il-konċessjoni lilha, u dan għaliex l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jikkonċedi d-dritt ta' appell lil terzi f'ċerti każijiet biss. Qalet li r-rikorrenti *pro et noe* kellu d-dritt li jippreżenta appell fil-konfront tal-ittra li rċieva mill-Awtorità intimata fejn ġie mgħarraf li l-kunsens sabiex japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp fuq spazju partikolari, ġie rifjutat jew irtirat. L-intimata *pro et noe* żiedet tgħid li fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti *pro et noe*

għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt. L-intimata *pro et noe* qalet li hija mxiet strettament mal-proċess stipulat fil-liġi sabiex kisbet permess ta' *encroachment* mingħand l-Awtorità tal-Artijiet, kif ukoll il-permessi relattivi mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, u għalhekk l-awtoritajiet rispettivi ma kellhomx raġuni valida skont il-liġi sabiex ma joħorġux il-konċessjoni u l-permessi relattivi favur tagħha. Qalet li jekk wieħed iħares lejn l-ittra tas-16 ta' Marzu, 2022 li rċieva r-rikorrent mingħand l-Awtorità tal-Artijiet, li permezz tagħha ġie nfurmat li kien hemm il-kunsens sabiex huwa jissottometti applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, ma kellhiex titqies bħala deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-konċessjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Artijiet, għaliex kien għad hemm numru ta' rekwiżiti li kellhom jiġu sodisfatti, u finalment l-Awtorità tal-Artijiet xorta waħda kellha d-diskrezzjoni li tirrifjuta li tagħti l-konċessjoni mitluba. L-intimata *pro et noe* qalet li għalhekk, ir-rikorrent jew is-soċjetà rappreżentata minnu, ma setgħux jippretendu li għandhom xi dritt fuq l-ispazju li applikaw għalih, sempliċiment billi jallegaw li huma dejjem għamlu dak mitlub minnhom, u r-rikorrent *pro et noe* ma ressaq l-ebda argument legali dwar ir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-intimata kellha tiġi rifjutata. L-intimata *pro et noe* qalet li anki meta xi ħadd jingħata l-jedd li jokkupa art b'*encroachment,* l-Awtorità tal-Artijiet tista' tieħu l-art lura meta trid mingħajr ma tagħti l-ebda kumpens lil dik il-persuna li kienet konċessa l-użu tal-art. Qalet li minkejja li r-rikorrent kellu l-kunsens tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jissottometti applikazzjoni għal żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar, fir-rigward ta' spazju li applikaw fuqu terzi, xorta waħda dan ma ngħatax kunsens fuq it-tieni spazju li kien applika għalih, li kien konċess lil Danel Company Limited. L-intimata *pro et*

*noe* staqsiet għal liema raġuni ma sarx appell quddiem it-Tribunal minn dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet. Qalet ukoll li r-rikorrent lanqas m'appella kontra l-ittra tal-5 ta' April, 2023 li rċeviet l-intimata *pro et noe*, li permezz tagħha ġiet mgħarrfa li setgħet tapplika għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar. Qalet li donnu l-appell quddiem it-Tribunal kien *afterthought* wara li r-rikorrent *pro et noe* naqas milli juża rimedji oħra li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jikseb *encroachment* fi spazju quddiem l-istabbiliment tiegħu, u dan għaliex minbarra n-nuqqas li jintavola appell kontra dak ir-rifjut, lanqas ma ressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-għoti tal-permess lill-intimata. L-intimata *pro et noe* qalet ukoll li mhuwiex minnu li hija ma ġietx infurmata mill-Awtorità tal-Artijiet li kien hemm l-applikazzjoni ta' terzi fuq l-art li hija uriet interess fiha, u kien għalhekk li hija ressqet applikazzjoni fuq porzjoni art oħra. Qalet ukoll li l-art li ngħatat il-konċessjoni fuqha tinsab eżattament quddiem l-istabbilimenti mmexxija minnha, u għalhekk ma jistax jingħad li l-Awtorità tal-Artijiet, meta tat l-*encroachment* lilha, ma mxietx mal-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba u tal-ekwità.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz tas-sentenza appellata, it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad l-appell tar-rikorrent *pro et noe*, u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata *pro et noe*, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent pro et noe ħassu aggravat b'konċessjoni ta'* encroachment *li l-Awtorità intimata tat lil Maria Christina Peresso u/jew Eurosport Limited fit-2 ta' Novembru, 2023 u dan bl-iskop li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħwienet numri 49 u 50 fi Triq il-Merkanti, Valletta. Għalhekk talab lil dan it-Tribunal sabiex jordna lill-Awtorità intimata tirtira l-istess permess, jew* no objection in principle *jew kull kunsens ieħor li seta' nħareġ dwar l-istess* encroachment.

*Illi mill-informazzjoni misjuba fir-rikors promutur jirriżulta s-segwenti:*

1. *F'Awwissu 2021, ir-rikorrent applika sabiex jingħata* no objection in principle *sabiex jipproċedi mal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward ta' żewġ spazji quddiem il-ħanut C.Camilleri & Sons Ltd, ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta;*
2. *Fis-16 ta' Mejju, 2022 l-Awtorità intimata tat in-*no objection in principle *lir-rikorrent fir-rigward ta' spazju wieħed biss, u dan peress li fuq l-ispazju l-ieħor kien hemm applikazzjoni oħra;*
3. *Fit-23 ta' Frar, 2023 l-Awtorità intimata infurmat lir-rikorrent li kienet se tirtira l-kunsens tagħha jekk ma tirċevix informazzjoni li nħareġ il-permess da parti tal-Awtorità tal-Ippjanar;*
4. *Fil-fatt fit-2 ta' Novembru, 2023 l-Awtorità intimata ħarġet permess ta'* encroachment *fuq is-sit mitlub mir-rikorrent lil Maria Christina Peresso.*

*Illi r-rikorrent jimputa nuqqasijiet kemm fl-aġir tal-Awtorità intimata u kif ukoll f'dak tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-mod kif trattaw l-applikazzjonijiet sottomessi minnu.*

*Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari tagħha, l-Awtorità intimata saħqet li l-appell tar-rikorrent pro et noe huwa irritwali u null billi qiegħed jittenta jsir appell minn deċiżjoni fil-konfront ta' terzi. Fuq l-istess linji hija msejsa l-eċċezzjoni numru 5 ta' Maria Christina Peresso.*

*Illi fit-trattazzjoni orali tiegħu, id-difensur tar-rikorrent pro et noe saħaq li r-rikorrent pro et noe kien vittma ta' aġir amministrattiv abbużiv da parti tal-Awtorità intimata u da parti tal-Awtorità tal-Ippjanar, liema aġir wassal biex ir-rikorrent pro et noe jiġi mċaħħad milli jingħata konċessjoni kif għandhom diversi stabbilimenti oħra ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta.*

*Illi min-naħa l-oħra l-intimati saħqu illi l-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dritt ta' appell lil dawk il-persuni li jħossuhom aggravati b'xi deċiżjoni fil-konfront tagħhom u diretta lejhom. Huma kkwotaw artikolu 57 tal-Kap. 563 u ssottomettew li minn qari tal-istess Artikolu huwa bil-wisq evidenti x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur, u ċioe li*

*jagħti r-rimedju ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Awtorità intimata fejn din tkun ittieħdet fil-konfront tal-persuna aggravata. Huma ċċitaw diversi liġijiet oħra fejn il-leġislatur ikkonċeda l-appell tat-terz, bħal pereżempju artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar), artikolu 236 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u l-artikoli 77 u 78 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp). Dawn iċ-ċitati liġijiet kollha jagħtu dritt lil terz jappella minn deċiżjoni li ma tkunx ingħatat fil-konfront tiegħu.*

*Id-difensuri tal-intimati, għalhekk sostnew illi fejn il-leġislatur ried jagħti dritt lil terzi jappellaw, huwa lleġisla fuq dan id-dritt espressament. Dan kuntrarjament għal dak li wieħed isib f'artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta li ma jsemmi ebda dritt ta' terzi li jappellaw minn deċiżjonijiet li ma jingħatawx fil-konfront tagħhom.*

***Ikkunsidra:***

*Illi waqt it-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrent pro et noe għamel referenza għal sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet* ***BirdLife Malta et vs l-Awtorità tal-Artijiet*** *fejn f'dik is-sentenza kien ġie deċiż illi numru ta' organizzazzjonijiet volontarji u indivdwu kellhom dritt jappellaw fir-rigward ta' att amministrattiv li wettqet l-Awtorità intimata. Għall-aħjar intendiment tad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti, it-Tribunal se jipproduċi hawn taħt ir-raġunament tal-istess Qorti, u ċioe:*

**"23. L-appellanti spjegaw li huma ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal u qalu li dan għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-prinċipji legali dwar il-kunċett ta'** ***locus standi*****. Qalu li l-azzjoni tagħhom hija bbażata fuq l-artikolu 57 tal-Kap. 563, li jaqra hekk:**

**(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:**

> **(a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u**
> **(b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:**
> **...**
> **Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi**

**ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."**

**24. L-appellanti jgħidu li huma ressqu l-appell tagħhom quddiem it-Tribunal abbażi tas-subinċiż 1(a) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563, bħala persuni jew entitajiet b'personalità ġuridika distinta u separata, li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li kkonċediet il-meded ta' art in kwistjoni lill-FKNK. Il-Qorti tgħid mill-ewwel li ma taqbilx mal-interpretazzjoni li ta t-Tribunal dwar l-applikabilità tal-proviso għas-subinċiż 1(b) għaċ-ċirkostanzi odjerni. Huwa ċar anki mill-punteġġatura użata mil-leġislatur, li s-subinċiż (1)(a) għandu jinqara b'mod separat u distint mis-subinċiż (1)(b), u l-proviso dwar it-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata oġġezzjoni minn min għandu interess joġġezzjona għal xi deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, japplika biss għal min iressaq l-oġġezzjoni tiegħu taħt is-subinċiż (1)(b), li huwa maħsub biex jirregola lil dawk il-persuni milquta minn xi att amministrattiv jew minn xi piena imposta fuqhom mill-Awtorità. Dan ifisser li filwaqt li l-proviso japplika għal min ikun huwa stess is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Awtorità, is-subinċiż (1)(a) jibqa' l-għodda disponibbli għal min iħossu aggravat bi kwalunkwe deċiżjoni li tista' tieħu l-Awtorità tal-Artijiet, anki jekk ma jkunx ġie notifikat bid-deċiżjoni. Huwa fatt li l-Awtorità tal-Artijiet ma tinnotifikax id-deċiżjonijiet tagħha b'mod pubbliku, kuntrarjament għall-mod kif topera f'ċerti ċirkostanzi per eżempju l-Awtorità tal-Ippjanar. Il-proviso taħt is-subinċiż (1)(b) għall-artikolu 57 tal-Kap. 563 huwa maħsub biex jirregola biss lil dik il-kategorija ta' persuni li jkunu milquta direttament mid-deċiżjonijiet jew penali oħra li tiddeċiedi dwarhom l-Awtorità tal-Artijiet. Mhux hekk għal talbiet li jsiru għal <u>stħarriġ ta' atti amministrattivi</u>** (fn. 1: Enfasi tat-Tribunal) **tal-Awtorità appellata li jsiru taħt is-subinċiż 1(a) tal-istess dispost tal-liġi, li jipprovdi li oġġezzjonijiet jistgħu jsiru minn kull persuna, għal kull tip ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Awtorità, irrispettivament minn jekk din ġietx notifikata b'tali deċiżjoni jew le. Il-Qorti hija tal-fehma li f'każ li l-leġislatur verament ried li l-oġġezzjonijiet isiru biss minn persuni li ġew notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, għaqdiet u persuni bħall-appellanti li ma jiġux notifikati b'tali deċiżjonijiet ser isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn ma jistgħux ikunu effettivi fil-ħidma tagħhom u ma jistgħu jieħdu l-ebda azzjoni sabiex iwaqqfu deċiżjonijiet li jimpinġu b'mod negattiv fuq il-ħarsien tal-ġid komuni bħalma huwa l-ambjent. L-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal tfisser ukoll li hija l-Awtorità tal-Artijiet li tiddeċiedi min għandu jiġi notifikat bid-deċiżjoni tagħha, u għalhekk b'mod indirett ser tkun l-istess Awtorità li tiddeċiedi min għandu jedd iressaq oġġezzjoni md-deċiżjonijiet meħuda minnha. Ċertament li din ma kinitx l-intenzjoni**

**tal-leġiżlatur, li bis-subinċiż (1)(a) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 ta *locus standi* lil organizzazzjonijiet, għaqdiet u individwi bħall-appellanti jressqu oġġezzjoni għal deċiżjonijiet tal-Awtorità, minkejja li ma jkunux huma s-suġġett ta' dawn id-deċiżjonijiet u ma jkunux ġew notifikati bihom. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:**

> **"7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.**
>
> **(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."**

**25. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellanti saru jafu bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata mill-mezzi tax-xandir, u huma ħadu azzjoni dwarha billi ressqu protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità appellata fl-istess ġurnata meta l-Awtorità appellata ffirmat il-ftehim li qiegħed jiġi attakkat b'dawn il-proċeduri. L-appellanti ġew notifikati bil-ftehim iffirmat bejn l-Awtorità u l-FKNK wara li dan l-istess ftehim ġie anness mal-kontroprotest li l-Awtorità ppreżentat b'risposta għall-protest ġudizzjarju tal-appellanti, u sussegwentement l-appellanti intavolaw il-proċeduri li minnhom qiegħed isir dan l-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Il-Kap. 490 jaħseb għal sitwazzjoni fejn 'il-parti interessata' mhux tkun saret taf, iżda 'setgħet issir taf' bl-att amministrattiv li qiegħed jiġi impunjat, u fil-każ odjern li kieku ma kienx għall-media li rrappurtat dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità appellata li tikkonċedi l-imsemmija meded ta' art lill-FKNK, ma kienx hemm mod kif l-appellanti setgħu jsiru jafu b'din id-deċiżjoni, għaliex naturalment din ma ġietx notifikata lilhom. Il-Qorti hija tal-fehma li għalhekk l-appellanti, li kif ġie stabbilit, għandhom locus standi jkunu parti minn dawn il-proċeduri bħala għaqdiet involuti fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità, ressqu l-oġġezzjoni tagħhom hekk kif saru jafu bid-deċiżjoni li qegħdin jitolbu li tiġi mistħarrġa, entro t-terminu ta' żmien ta' sitt xhur stabbilit**

**mil-liġi. Għaldaqstant tqis l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat, u tilqgħu.**

*Illi bir-rispett dovut lejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Illi fil-fehma tat-Tribunal id-distinzjoni li Artikolu 57 (1) jagħmel bejn oġġezzjonijiet magħmula minn persuna aggravata b'xi* ***<u>deċiżjoni</u>*** *tal-Awtorità; u oġġezzjonijiet magħmula minn persuna aggravata minn xi* ***<u>att amministrattiv</u>*** *jew xi* ***<u>pieni</u>*** *oħra imposti fuq dik il-persuna. Però dawn l-oġġezzjonijiet mhux dejjem iridu jsiru mill-persuna li fil-konfront tagħha tkun ittieħdet id-****deċiżjoni****, sar l-****att amministrattiv*** *jew ġiet inflitta xi* ***piena****. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-Qorti tal-Appell innifisha kkonċediet illi terzi persuni li jħossuhom aggravati minn xi deċiżjoni jew att amministrattiv tal-Awtorità intimata għandhom dritt jagħmlu azzjoni ta' sħarriġ ġudizzjarju. Kif inhu risaput azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju tista' tiġi ntavolata fil-qrati ordinarji mentri dan it-Tribunal huwa wieħed speċjali b'kompetenza limitata sabiex* ***<u>jirrevedi atti amministrattivi</u>****.*

*Illi dan il-ħsieb isib konfort fl-istess dispożizzjoni tal-liġi li tagħti dritt ta' reviżjoni lil kull min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata. Di fatti l-proviso tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:*

> "(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:
>
> (a) L-oġġezzjonijiet magħmlula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u
> (b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:
>
> **Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, <u>oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu</u> lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandha tiġi pprezentata fi żmien għoxrin ġurnata <u>minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità</u>**."*(fn. 2: Enfasi tat-Tribunal)*
>
> *Illi minn dan il-proviso joħroġ ċar illi l-leġislatur ma għamel ebda distinzjoni meta tkellem dwar "oġġezzjoni". Li kieku l-Leġislatur ried mod ieħor kien jagħmel distinzjoni dwar it-terminu tal-appell dwar oġġezzjonijiet ai termini tas-subinċiż (a) u dawk ai termini tas-subinċiż (b). Iktar minn hekk, fil-fehma umli tat-Tribunal huwa ċar li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi huma biss dawk il-persuni li* ***<u>jiġu notifikati b'deċiżjoni tal-Awtorità</u>*** *li għandhom dritt jirrikorru għal rimedju ta'*

*reviżjoni quddiem dan it-Tribunal. Tant hu hekk li t-terminu tal-appell jibda għaddej minn* ***__meta l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti__****.*

*Illi l-fehma ta' dan it-Tribunal hija wkoll imsaħħa min-nota mniżżla fil-marġini tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta li taqra "Dritt ta' appell". Illi dak li essenzjalment huwa kompetenti li jisma' dan it-Tribunal huma "appelli" minn xi att amministrattiv u mhux li jagħmel* ***stħarriġ ġudizzjarju*** *skont l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu baqa'* in vigore *nonostante l-promulgazzjoni tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex il-leġislatur ħass li t-Tribunal m'għandux ikollu kompetenza wiesgħa ta' sħarriġ ġudizzjarju li għandhom il-qrati ordinarji u għalhekk, taħt kull liġi speċjali li tagħti kompetenza lil dan it-Tribunal, wieħed isib elenkati l-istanzi u l-metodu kif persuna aggravata tista' tappella quddiem dan it-Tribunal. Għalhekk mhumiex ammissibbli appelli quddiem dan it-Tribunal minn terzi li ma jkunux il-persuna suġġett tad-deċiżjoni appellata. Għal dawn it-terzi però jibqa' d-dritt li jintavolaw il-proċeduri opportuni quddiem il-qrati ordinarji.*

*Illi abbażi tal-istess linja ta' ħsieb, fil-passat it-Tribunal kellu numru ta' okkażjonijiet fejn ċaħad rikorsi minn terzi sabiex jintervjenu f'appelli intavolati quddiemu minn persuni aggravati b'deċiżjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi. (fn. 3: ara digriet mogħti minn dan it-Tribunal datat 29 ta' Ottubru, 2018 fir-Rikors Numru 71/18 fl-ismiijet S. Camilleri Caterers Limited vs l-Awtorità tal-Artijiet). Terzi li jkunu tal-fehma li deċiżjoni meħuda fil-konfront ta' xi persuna oħra tkun ippreġudikatilhom id-drittijiet tagħhom, għandhom rimedji oħra quddiem il-qrati ordinarji iżda mhux quddiem dan it-Tribunal. Dan il-ħsieb huwa msaħħaħ ukoll anke bil-mod kif ġiet imfassla t-Taqsima III tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), fejn f'artikolu 15(3) wieħed isib illi* "**Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-amministrazzjoni pubblika mhux aktar tard minn ħamest ijiem mid-data tal-preżentata ...**". *It-Tribunal jirrileva illi l-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirraviżax illi l-intimat jista' jkun ħaddieħor, ħlief xi awtorità pubblika li għandha tirrispondi għat-talbiet tar-rikorrent, liema awtorità pubblika trid tkun waħda li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jiġu riveduti minn dan it-Tribunal. Altrimenti, jekk le, persuna aggravata dejjem jibqalha rimedju quddiem il-qrati ordinarji.*

*Illi għalhekk, ir-rimedju mogħti permezz tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex disponibbli għal kwalunkwe persuna li tħossha* "aggravata" *b'xi att tal-Awtorità intimata. Persuna li ma tkunx direttament is-suġġett tad-deċiżjoni jew att amministrattiv jista' jkollu rimedju ieħor, però mhux quddiem dan it-Tribunal li*

*l-kompetenza tiegħu hija waħda ferm limitata u ċirkoskritta bit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li l-Awtorità intimata u l-intimata pro et noe għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom illi r-rikorrent pro et noe ma setax jippromwovi azzjoni quddiem dan it-Tribunal, iżda semmai seta' ppromwoviha quddiem il-Qrati ordinarji."*

## <u>L-Appell</u>

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-8 ta' April, 2024, ir-rikorrenti *pro et noe* talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tiegħu, tiddikjara li huwa għandu dritt jikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati dwar dan il-punt, u tirrinvija l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex jisma' l-mertu, u jiddeċiedi l-każ skont il-liġi.

7. L-appellant *pro et noe* qal li in sostenn tal-pożizzjoni meħuda minnu, huwa għamel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Birdlife Malta et *vs.* l-Awtorità tal-Artijiet** tal-21 ta' Jannar, 2021, fejn kien ġie deċiż li numru ta' organizzazzjonijiet volontarji u individwu, kellhom dritt jappellaw fir-rigward ta' att amministrattiv li twettaq mill-Awtorità intimata. L-appellant *pro et noe* qal li minkejja dik is-sentenza, it-Tribunal fis-sentenza appellata, iddikjara li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-Qorti, u kkonkluda li d-dritt ta' kontestazzjoni quddiemu jispetta biss lill-persuna li fil-konfront tagħha tkun ittieħdet id-deċiżjoni amministrattiva. L-appellant *pro et noe* qal li t-Tribunal idderiġieh għal rimedju *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, li skont it-Tribunal japplika għall-każ odjern. L-appellant *pro et noe* qal li, filwaqt li t-Tribunal iddeċieda li l-artikolu

57 tal-Kap. 563 ma japplikax għal terzi interessati, iżda japplika biss għal persuni li fil-konfront tagħhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni, ma qiesx li d-deċiżjoni li ttieħdet favur Eurosport Limited, hija wkoll deċiżjoni li ttieħdet kontra tiegħu. Qal li filwaqt li jirrikonoxxi li t-Tribunal ma kienx marbut josserva d-deċiżjoni preċedenti mogħtija minn din il-Qorti, hemm tagħlim u prassi li s-sentenzi tal-Qrati Superjuri għandhom jingħataw il-piż kbir li jixirqilhom. Qal li għalhekk, lanqas tagħmel sens li l-pożizzjoni tiegħu tiġi skartata, sempliċement għaliex it-Tribunal ma jaqbilx ma' dak deċiż minn din il-Qorti f'każ simili, jekk mhux identiku.

8. L-appellant qal li l-mod kif inhu mfassal l-artikolu 57 tal-Kap. 563, xejn m'huwa feliċi. Qal li anke n-nuqqas ta' parteċipazzjoni pubblika u/jew in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Awtorità appellata, hija konsiderazzjoni fattwali li tqiegħed persuna li ma tkunx parteċipi fi proċeduri quddiem l-Awtorità f'sitwazzjoni żvantaġġata jew impossibbli f'ċerti każijiet, li tipproċedi skont l-artikolu 57 tal-Kap. 563. L-appellant qal li meta persuna, bħal ma ġara fil-każ odjern, tiġi mgħarrfa b'deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, f'materja li kienet kontenzjuża bejn il-persuna u l-Awtorità, m'għandu jkun hemm l-ebda xkiel għall-persuna aggravata li tipproċedi quddiem it-Tribunal skont l-artikolu 57 tal-Kap. 563, u dan għaliex l-imsemmi artikolu jitkellem dwar persuna aggravata u mhux dwar applikant jew dwar persuna li kontriha tkun inħarġet il-multa. L-appellant qal li n-nuqqasijiet fil-mod kif ġie abbozzat il-Kap. 563, u senjatament l-involviment ta' terzi fid-deċiżjonijiet tal-Awtorità appellata, kif ukoll in-nuqqas ta' pubbliċità tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità appellata, ma jibdlu xejn mill-fatt li l-liġi stess titkellem dwar persuna aggravata. L-appellant qal li l-

interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti hija waħda li tiffavorixxi liċ-ċittadin ikun min ikun, speċjalment jekk dan ikun ser jintlaqat ħażin bid-deċiżjoni amministrattiva. Qal ukoll li ladarba t-terz isir jaf bid-deċiżjoni li minnha jħossu aggravat, m'hemm xejn x'iżomm lil din il-persuna mili taġixxi skont l-artikolu 57 tal-Kap. 563. L-appellant *pro et noe* qal ukoll li r-rimedju taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja li jista' jagħti rimedju lill-appellant *pro et noe*, huwa applikabbli biss f'każ li l-appellant *pro et noe* ma jkollux rimedju ordinarju disponibbli għalih taħt xi liġi oħra. Qal li dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm ċirkostanzi fejn l-istess artikolu ma jkunx meqjus bħala rimedju ordinarju, u allura persuna tkun tista' tmexxi taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12, iżda fil-każ odjern l-appellant *pro et noe* sar jaf bid-deċiżjoni li qiegħda tippreġudikah, u ried li jappella minnha. Żied jgħid li persuna m'għandhiex tintefa' f'limbu ġudizzjarju dwar kif għandha tipproċedi, partikolarment meta hemm ġurisprudenza ċara fuq tali materja, u meta l-artikolu 57 tal-Kap. 563 ma jeskludix dan ir-rimedju.

**<u>Ir-Risposta tal-appellata *pro et noe*</u>**

9. Permezz tar-risposta tagħha, l-appellata *pro et noe* qalet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, għaliex l-interpretazzjoni tat-Tribunal tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 hija waħda korretta. Qalet li l-appellant *pro et noe* huwa żbaljat meta jgħid li hemm distinzjoni bejn is-subinċiż (1)(a) u s-subinċiż (1)(b) tal-Kap. 563, u l-leġislatur ma ried li ssir l-ebda distinzjoni bħal din, iżda ried jagħti kompetenza lit-Tribunal sabiex jisma' appelli minn persuni kontra deċiżjonijiet, atti jew pieni mogħtija minn xi awtorità lill-istess persuna. Hawnhekk l-appellata *pro et noe* għamlet riferiment għal dak li jgħid it-tieni

proviso tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563, u qalet li l-frażi *'oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu'* tirreferi għas-subartikolu (1) kollu kemm hu, li jinkludi oġġezzjonijiet taħt is-subinċiżi (a) u (b). Fit-tieni lok, il-frażi *'il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità'* tagħmilha ċara li t-Tribunal għandu l-kompetenza li jiddeċiedi fuq appelli intavolati minn persuni li jħossuhom aggravati b'deċiżjonijiet, atti jew pieni li jirċievu mill-Awtorità appellata fil-konfront tagħhom u mhux ta' terzi. L-appellata *pro et noe* qalet li mhux minnu li dan il-proviso jirreferi biss għall-artikolu 57(1)(b) tal-Kap. 563, u li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-proviso għandu jitqies li huwa marbut biss mas-subinċiż (1)(b) u mhux mas-subinċiż (1)(a) ukoll. Qalet li l-appellant *pro et noe* huwa żbaljat meta jipprova jwessa' l-interpretazzjoni tat-tieni proviso tas-subartikolu 57(1) tal-Kap. 563, meta jgħid li d-deċiżjoni mertu tal-appell hija wkoll deċiżjoni meħuda kontra l-appellant, u li kull persuna aggravata għandha dritt tappella, u dan għaliex il-liġi tuża l-frażi *'dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità'* sabiex tikkwalifika taħt is-subinċiżi 1(a) u 1(b) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563.

10. L-appellata *pro et noe* qalet li l-appellant *pro et noe* kellu rimedji oħra għad-dispożizzjoni tiegħu, fosthom id-dritt li jappella fir-rigward tal-ittra li rċieva mingħand l-Awtorità appellata fejn ġie mgħarraf li l-kunsens oriġinarjament mogħti kien qiegħed jiġi rifjutat jew irtirat, kif ukoll li l-appellant *pro et noe* seta' jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar rigward id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. Qalet li dawn huma istanzi fejn huwa permess l-appell tat-terz, u fejn il-liġi tgħid dan b'mod ċar. L-appellata *pro et noe* qalet li barra minn hekk l-appellant għandu dritt taħt l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 sabiex jitlob li jsir stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv quddiem il-qrati

ordinarji, u allura l-appellant *pro et noe* m'għandu l-ebda dritt jittenta juża lit-Tribunal li għandu poteri speċifiċi u delineati b'mod ċar, biex jissana n-nuqqas tiegħu li jadixxi l-fora kompetenti li setgħu jittrattaw din il-vertenza. L-appellata *pro et noe* qalet ukoll li l-limbu ġudizzjarju li jilmenta dwaru l-appellant, ġabu b'idejh għaliex huwa naqas milli jappella quddiem it-tribunali kompetenti fit-termini imposti mil-liġi kontra deċiżjonijiet li ngħataw fil-konfront tiegħu, jew f'fora li għandhom kompetenza jiddeċiedu dwar appelli ta' terzi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant *pro et noe* fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellati.

*L-Aggravju:* *[Dwar jekk l-appellant pro et noe jistax jitqies bħala persuna* 'aggravata' *fit-termini tal-liġi]*

12. It-Tribunal, fis-sentenza appellata kkonkluda li l-appellant ma jistax jitqies bħala *'persuna aggravata' ai termini* tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u ikkunsidra li l-appell intavolat mill-appellant quddiemu huwa null, għaliex ma jittrattax appell minn deċiżjoni jew minn att amministrattiv fil-konfront tiegħu. It-Tribunal qal li l-kompetenza tiegħu hija waħda speċjali u limitata, u l-leġislatur ma ried jagħmel l-ebda distinzjoni bejn is-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt is-sub-inċiż (1)(a) u s-sub-inċiż (1)(b) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563. It-

Tribunal qies li huma biss persuni li jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, li għandhom dritt jirrikorru għar-rimedju ta' reviżjoni quddiem it-Tribunal, u fil-fatt il-leġislatur speċifika li t-terminu tal-appell jibda għaddej minn meta persuna tiġi notifikata bid-deċiżjoni hekk meqjusa aggravanti mingħajr distinzjoni bejn is-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt is-subinċiż (1)(a) jew (1)(b) tal-Kap. 563. It-Tribunal qal li r-rimedju mogħti bl-artikolu 57 tal-Kap. 563 mhuwiex rimedju disponibbli għal kwalunkwe persuna li tħossha *'aggravata'* b'xi att tal-Awtorità appellata, imma li l-persuna li tista' tressaq appell bħal dan, għandha tkun direttament is-suġġett tad-deċiżjoni jew tal-att amministrattiv. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li s-silta iċċitata mit-Tribunal mis-sentenza li tat din l-istess Qorti kif preseduta fil-21 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet **Birdlife Malta et *vs.* l-Awtorità tal-Artijiet**, ma hija tal-ebda rilevanza għall-każ odjern, għaliex l-appellant fil-proċeduri odjerni isostni li huwa għandu jitqies li huwa l-parti aggravata bid-deċiżjoni li ngħatat mill-Awtorità tal-Artijiet fi kwistjoni fejn huwa kien applikant involut direttament, b'talbiet speċifiċi li ressaq quddiem l-Awtorità tal-Artijiet, liema awtorità eventwalment iddeċidiet li għandha tirtiralu l-kunsens li kienet tatu oriġinarjament, sabiex l-istess kunsens jingħata lil terz, li huwa wkoll parti f'dawn il-proċeduri. L-eżerċizzju li għamlet din il-Qorti fl-appell **Birdlife Malta et *vs.* l-Awtorità tal-Artijiet**, dwar jekk numru ta' organizzazzjonijiet ambjentali għandhomx il-*locus standi* meħtieġ biex jipproponu azzjoni quddiem it-Tribunal, għalhekk m'għandu x'jaqsam xejn mal-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti fejn għandha tistabbilixxi jekk l-appellant huwiex il-persuna direttament aggravata bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tingħata konċessjoni ta' *encroachment* lil terz.

13. L-appellant *pro et noe* spjega li huwa ħassu aggravat bis-sentenza appellata, għaliex huwa kellu jitqies li kien il-*'persuna aggravata'* bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, u qal li d-deċiżjoni li ttieħdet favur is-soċjetà Eurosport Company Limited hija deċiżjoni li ttieħdet kontra l-interessi tiegħu, u għalhekk huwa għandu jiġi meqjus bħala l-persuna aggravata b'dik id-deċiżjoni.

14. Il-Qorti tirrileva li fir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant *pro et noe* quddiem it-Tribunal, l-appellant għamel talba speċifika sabiex it-Tribunal jordna lill-Awtorità tal-Artijiet tirtira kull permess jew *no objection in principle* li ħareġ favur it-terz għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħwienet numri 49, 50 u 51, Triq il-Merkanti, Valletta, u jordna li kull permess jew *no objection in principle* jew kull kunsens ieħor mogħti lil terzi fuq dan il-lok, jiġi fi tmiemu, u partikolarment jiddikjara null u bla effett l-*encroachment permit* maħruġ favur l-appellata *pro et noe*. Dan l-*encroachment permit* inħareġ fit-2 ta' Novembru, 2023, u l-appellant *pro et noe* ressaq l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal fis-17 ta' Novembru, 2023, u għalhekk entro t-terminu ta' għoxrin ġurnata mid-data li fiha l-Awtorità tal-Artijiet tat id-deċiżjoni tagħha dwar il-konċessjoni li issa qiegħda tiġi kkontestata minnu. Dan wara li l-appellant *pro et noe* spjega l-iter li wassal għad-deċiżjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex din tat il-kunsens tagħha lis-soċjetà appellata *pro et noe*, li eventwalment wassal biex din tkun tista' tipproċedi b'applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq l-imsemmi sit. Jirriżulta li l-appellant *pro et noe* ressaq applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Artijiet li permezz tagħha talab il-kunsens ta' din l-awtorità sabiex huwa jkun jista' jipproċedi b'applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi spazju

quddiem il-ħanut tiegħu, fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta. Permezz ta' ittra mibgħuta lilu fis-16 ta' Mejju, 2022, l-appellant *pro et noe* ġie infurmat li l-Awtorità tal-Artijiet kienet qiegħda tagħti l-kunsens tagħha sabiex huwa jkun jista' jipproċedi bl-applikazzjoni tiegħu fir-rigward ta' spazju wieħed biss minn dawk indikati minnu. Permezz ta' ittra oħra tat-23 ta' Frar, 2023, l-appellant *pro et noe* ġie infurmat mill-Awtorità tal-Artijiet li hija kienet ser tirtira l-kunsens tagħha f'każ li l-permess mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar jibqa' ma joħroġx fi żmien xahar. Imbagħad fit-2 ta' Novembru, 2023, l-Awtorità tal-Artijiet ħarġet il-permess ta' *encroachment* favur is-soċjetà appellata.

15. Il-Qorti tqis li l-appellant *pro et noe* bir-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, qiegħed mhux biss jappella mid-deċiżjoni li jingħata permess ta' *encroachment* lis-soċjetà appellata *pro et noe*, iżda mill-fatt li bl-għoti ta' dak l-*encroachment permit* lit-terzi, huwa safa mċaħħad minn dak li huwa kien applika għalih. L-appellant *pro et noe* fl-ebda waqt ma ġie infurmat mill-Awtorità appellata li hija kienet qiegħda tikkunsidra t-talbiet ta' terzi għall-istess spazju li wera interess fih l-appellant *pro et noe*, iżda sar jaf li l-ispazju li wera interess fih hu, kien ġie konċess lil terzi, wara li saret il-proċedura relattiva mal-Awtorità tal-Ippjanar, u wara li kien ingħata l-kunsens tal-Awtorità tal-Artijiet biex it-terzi jipproċedu bl-applikazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti għalhekk tqis li l-appellant *pro et noe* għandu jiġi meqjus li huwa *'persuna aggravata'* bid-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità appellata li tirtiralu l-kunsens mingħajr ma tinfurmah espressament b'dan, u li tipproċessa l-applikazzjoni tat-terz filwaqt li żżomm lill-appellant fil-għama, minkejja li huwa kien talab permess fuq l-istess art qabel it-terz. L-artikolu 57 tal-Kap. 563 ma jirrestrinġix id-dritt ta' appell għal applikant li t-talba

tiegħu ma tiġix milqugħa mill-Awtorità pubblika in kwistjoni, iżda jgħid biss li kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni, b'xi att amministrattiv jew b'xi piena imposta fuqu mill-Awtorità pubblika, għandu dritt li jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tagħti permess ta' *encroachment* lit-terz, filwaqt li tinjora għal kollox l-aspettattiva maħluqa fl-appellant *pro et noe* meta dan ingħata l-kunsens tal-istess Awtorità tal-Artijiet u pproċeda b'applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, ċertament li taggrava lill-appellant, li huwa l-persuna li fl-aħħar mill-aħħar ġiet ippreġudikata l-aktar b'dik id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità appellata.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tilqgħu, tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu tal-appell li sar quddiemu.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri qegħdin fiż-żewġ istanzi jiġu riservati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**